



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Frar 2018
(OR. en)

5390/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0341 (NLE)

CORDROGUE 8
SAN 21
ENFOPOL 20

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: ABBOZZ DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li
tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida N-(1-ammino-3-metil-1-
ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1H-indażolu-3-karbossamid (AB-
CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

li tissottoporti s-sustanza psikoattiva l-ġdida

***N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid
(AB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

¹ ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI, tfassal rapport ta' valutazzjoni tar-riskji dwar is-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid ("AB-CHMINACA") minn sessjoni speċjali tal-Kumitat Xjentifiku estiż taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga u r-rapport ġie ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2017.
- (2) L-AB-CHMINACA hija kannabinojdi sintetika. Għandha effetti simili għal dawk tat-THC, li hija responsabbli għall-effetti psikoattivi kbar tal-kannabis, iżda l-AB-CHMINACA għandha tossiċità addizzjonali ta' theddida għall-ħajja. Il-potenza għolja tal-AB-CHMINACA minn naħa waħda, u l-fatt li tista' tirrapreżenta proporzjon varjabbli kbir jew mhux magħruf f'taħlitiet tat-tipjip min-naħa l-oħra, ifisser li din tikkostitwixxi riskju sinifikanti ta' avvelenament.
- (3) L-AB-CHMINACA ilha disponibbli fl-Unjoni mill-inqas minn April 2014 u ġiet individwata f'24 Stat Membru. Minħabba n-natura tal-AB-CHMINACA, huwa probabbli li każijiet ta' individwazzjoni ma jiġux irrapportati kollha billi l-AB-CHMINACA mhijiex soġġetta għal kontrolli sistematiċi. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, l-AB-CHMINACA ġiet issekwestrata bħala materjal veġetali jew tal-pjanti, iżda ġiet issekwestrata wkoll f'forma ta' trab u fuq livell aktar limitat, f'forom fiżiċi oħrajn, pereżempju bħala likwidu jew fil-forma ta' assorbent. Saru aktar minn 4 600 sekwestru fl-Unjoni kollha.

- (4) Sitt Stati Membri rrapportaw 31 każ ta' mewt assoċjati mal-AB-CHMINACA. F'mill-inqas disa' każijiet ta' mewt, l-AB-CHMINACA jew kienet il-kawża tal-mewt jew inkella x'aktarx li kkontribwixxiet għall-mewt. Barra minn hekk, erba' Stati Membri rrapportaw total ta' seba' każijiet mhux fatali ta' intossikazzjoni akuta assoċjati mal-AB-CHMINACA. Minħabba n-natura tal-AB-CHMINACA, kemm l-intossikazzjonijiet mhux fatali kif ukoll l-imwiet x'aktarx ma ġewx individwati kollha u ma ġewx irrapportati kollha.
- (5) Ma hemm l-ebda informazzjoni dwar l-involviment tal-kriminalità organizzata fil-manifattura, id-distribuzzjoni, it-traffikar u l-forniment tal-AB-CHMINACA fl-Unjoni kollha. Id-data disponibbli tissuġġerixxi li l-AB-CHMINACA hija prodotta minn kumpaniji kimiċi bbażati fiċ-Ċina.
- (6) L-AB-CHMINACA tipikament tinbiegħ f'ammonti żgħir u bl-ingrossa fi ħwienet speċjalizzati (head shops) indikata bħala l-hekk imsejħa droga legali (legal high), bħala taħlitiet tat-tipjip jew bħala trab, kif ukoll fuq l-internet, indikata bħala l-hekk imsejħa sostituzzjoni legali għall-kannabis. Huwa probabbli wkoll li tinbiegħ direttament fis-suq tad-drogi illeċiti. Billi l-imballaġġ ta' tali prodotti rarament jindikaw l-ingredjenti tagħhom, ħafna mill-utenti mhumiex konxji li qed jużaw l-AB-CHMINACA, jew anke kanabinojdi sintetiċi iġġenerali.
- (7) L-AB-CHMINACA ma għandha l-ebda użu mediku għall-bniedem jew veterinarju rikonoxxut fl-Unjoni u lanqas, mid-dehra barra mill-Unjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-AB-CHMINACA tista' tintuża għal xi skop ieħor minbarra bħala standard analitiku ta' referenza u fir-riċerka xjentifika.

- (8) Ir-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju juri li ħafna mill-mistoqsijiet relatati mal-AB-CHMINACA li jqumu minħabba n-nuqqas ta' data dwar ir-riskji għas-saħħa individwali, ir-riskji għas-saħħa pubblika, u r-riskji soċjali, jista' jkollhom risposta permezz ta' iktar riċerka. Madankollu, l-evidenza u l-informazzjoni disponibbli dwar ir-riskji għas-saħħa u dawk soċjali li toħloq l-AB-CHMINACA jipprovdu raġunijiet suffiċjenti biex l-AB-CHMINACA tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.
- (9) L-AB-CHMINACA mhijiex elenkata għall-kontroll skont il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi jew skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar Sustanzi Psikotropiċi. L-AB-CHMINACA bħalissa qed tiġi vvalutata mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u ġiet rieżaminata fit-39 laqgħa tal-Kumitat tal-Esperti tal-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga li saret mis-6 sal-10 ta' Novembru 2017 f'Ġinevra. Dak ma jipprekludix l-Unjoni milli tieħu deċiżjoni biex li tissottoponi l-AB-CHMINACA għal miżuri ta' kontroll.
- (10) Billi 18-il Stat Membru jikkontrolla l-AB-CHMINACA fil-leġislazzjoni nazzjonali għall-kontroll tad-drogi u tliet Stati Membri jikkontrollaw l-ADB-CHMINACA taħt leġislazzjoni oħra, il-fatt li l-AB-CHMINACA tiġi sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha jgħin biex jiġi evitat li jfeġġu ostakli fl-infurzar tal-liġi u fil-kooperazzjoni għudizzjarja transfruntieri, u jgħin fil-protezzjoni mir-riskji li d-disponibbiltà u l-użu tagħha joħolqu.

- (11) Id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI tikkonferixxi setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill bil-ħsieb li jkun hemm reazzjoni rapida u bbażata fuq kompetenza esperta fil-livell tal-Unjoni fil-każ li jfiġġu sustanzi psikoattivi ġodda individwati u rrapportati mill-Istati Membri, billi tissottoporti dawk is-sustanzi għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha. Billi l-kondizzjonijiet u l-proċedura biex jiġi attivat l-eżerċizzju ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni ġew issodisfati, jenħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex l-AB-CHMINACA tiġi sottposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.
- (12) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI.
- (13) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta d-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI.
- (14) Ir-Renju Unit mhuwiex marbut bid-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI u għalhekk mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanza psikoattiva l-ġdida *N*-(1-ammino-3-metil-1-ossobutan-2-yl)-1-(ċikloessilmetil)-1*H*-indażolu-3-karbossamid ("AB-CHMINACA"), għandha tkun sottoposta għal miżuri ta' kontroll fl-Unjoni kollha.

Artikolu 2

Sa ... [sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, biex jissottoponu l-AB-CHMINACA għal miżuri ta' kontroll u għal pieni kriminali, kif previst fil-leġislazzjoni tagħhom, b'mod konformi mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
